GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR261942 | 17.11.2026 | 4

STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

L-Ispeaker tal-Kamra jisħaq fuq il-vulnerabbiltajiet klimatiċi ta' Malta u r-rwol tal-parlamenti waqt laqgħa parlamentari tal-IPU marbuta mal-COP31 fit-Turkija

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Carmelo Abela, ipparteċipa fil-laqgħa parlamentari tal-Unjoni Interparlamentari (IPU) li saret fil-qafas tal-31 Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP31), organizzata mill-Unjoni Interparlamentari (IPU) b'kollaborazzjoni konġunta mal-Assemblea Nazzjonali l-Kbira tat-Türkiye, f'Antalya, it-Türkiye.

Matul il-laqgħa, l-Ispeaker enfasizza l-importanza partikolari li t-tibdil fil-klima għandu għal Malta, filwaqt li ġibed l-attenzjoni lejn il-vulnerabbiltajiet li jiffaċċjaw l-Istati gżejjer żgħar, b'mod speċjali dawk fir-reġjun tal-Mediterran. Huwa nnota li ż-żieda fit-temperaturi, in-nuqqas tal-ilma, il-fenomeni meteoroloġiċi estremi u l-pressjoni dejjem tikber fuq iż-żoni kostali u l-infrastruttura joħolqu sfidi sinifikanti għal Malta. Dawn l-isfidi mhux biss jolqtu l-ambjent, iżda għandhom ukoll riperkussjonijiet fuq ir-reżiljenza ekonomika, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u tal-ilma, kif ukoll il-benesseri tal-komunitajiet.

L-Ispeaker saħaq li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-Istati gżejjer żgħar għandhom jibqgħu fuq quddiem nett fid-diskussjonijiet internazzjonali dwar il-klima. F'dan il-kuntest, enfasizza l-ħtieġa għal finanzjament klimatiku adegwat, aċċessibbli u prevedibbli, sabiex pajjiżi b'riżorsi limitati jkunu jistgħu jimplimentaw miżuri effettivi ta' adattament u jsaħħu r-reżiljenza tagħhom għall-effetti tat-tibdil fil-klima.

L-Ispeaker irrimarka li, filwaqt li huma l-gvernijiet li jinnegozjaw il-ftehimiet internazzjonali dwar il-klima, il-parlamenti għandhom responsabbiltà fundamentali li jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom. Dan huwa rwol li jinkludi l-iskrutinju tal-azzjonijiet tal-gvernijiet, l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni meħtieġa, l-approvazzjoni tal-infiq pubbliku u l-iżgurar tar-responsabbiltà u t-trasparenza.

Huwa enfasizza wkoll l-importanza li l-objettivi klimatiċi jkunu riflessi b'mod adegwat fil-leġiżlazzjoni u fil-baġits nazzjonali, li l-investiment pubbliku jikkontribwixxi għar-reżiljenza u għall-adattament, u li l-progress f'dan il-qasam ikun imħares b'mod trasparenti. Skont l-Ispeaker, l-iskrutinju parlamentari huwa essenzjali sabiex l-impenji klimatiċi meħuda fuq livell internazzjonali jwasslu għal riżultati konkreti.

L-Ispeaker Abela enfasizza wkoll l-importanza tad-diplomazija parlamentari, u ddeskriva lill-IPU bħala pjattaforma siewja li tippermetti lill-membri parlamentari jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, isaħħu r-relazzjonijiet bejniethom u jrawmu kooperazzjoni internazzjonali prattika fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima.

Carmelo Abela, kellu wkoll laqgħa bilaterali mal-Ispeaker tal-Assemblea Nazzjonali l-Kbira tat-Türkiye, il-Prof. Dr Numan Kurtulmuş, li matulha ġew diskussi r-relazzjonijiet storiċi bejn Malta u t-Türkiye u l-opportunitajiet biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-laqgħa serviet biex jiġi affermat mill-ġdid l-impenn komuni favur id-djalogu politiku u parlamentari, mibni fuq il-pedamenti sodi tar-relazzjonijiet bilaterali li ilhom jeżistu sa mit-twaqqif tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn iż-żewġ pajjiżi fl-1967.

Iż-żewġ naħat irrikonoxxew il-momentum pożittiv li qed jikkaratterizza r-relazzjonijiet bejn Malta u t-Türkiye, b'mod partikolari permezz ta' żjarat ta' livell għoli u kuntatti parlamentari regolari. F'dan il-kuntest, ġiet enfasizzata l-importanza tal-Grupp Parlamentari ta' Ħbiberija Malta–Türkiye, li twaqqaf f'Awwissu 2025 u ġie kkostitwit mill-ġdid f'Ottubru 2026 wara l-elezzjoni ġenerali f'Malta, bħala mezz importanti biex jissaħħu r-rabtiet istituzzjonali u d-djalogu bejn iż-żewġ parlamenti.

Iż-żewġ Speakers enfasizzaw l-irwol importanti tad-diplomazija parlamentari fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi u fil-promozzjoni tal-ftehim u l-għarfien reċiproku. Huma laqgħu l-ħidma kontinwa tal-Grupp Parlamentari ta' Ħbiberija Malta–Türkiye u l-opportunitajiet li dan joħloq għal aktar kuntatt bejn il-membri parlamentari.

Waqt il-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet marbuta mas-COP31 f'Antalya, l-Ispeaker żar ukoll il-COP Expo, fejn kellu l-opportunità li jsir aktar familjari mal-inizjattivi, l-innovazzjonijiet u s-soluzzjonijiet li qed jiġu ppreżentati fil-qasam tal-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà.

Matul iż-żjara tiegħu, l-Ispeaker żar ukoll l-Uffiċċju ta' Malta fl-EXPO31, fejn iltaqa' mar-rappreżentanti Maltin li jinsabu f'Antalya f'isem il-Gvern ta' Malta, jaħdmu fuq it-tħejjija tad-dokumenti rilevanti u jipparteċipaw f'laqgħat relatati mal-proċess tal-COP31. Din il-laqgħa offriet opportunità għall-iskambju ta' ideat u għad-diskussjoni dwar il-ħidma li Malta qed twettaq f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar nett, l-Ispeaker tenna li l-ambizzjoni fil-qasam klimatiku għandha timxi id f'id ma' finanzjament adegwat, responsabbiltà demokratika u solidarjetà internazzjonali. Huwa saħaq fuq il-ħtieġa li l-pajjiżi jaħdmu flimkien sabiex l-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati iżgħar u dawk l-aktar vulnerabbli jingħataw l-attenzjoni u l-appoġġ li jixirqilhom.